Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,202, 4 ta' Novembru, 1983
Taqsima B

A.L. 53 ta' l-1983

ORDINANZA DWAR IR-REGULAMENT TAT-TRAFFIKU
(KAP. 105)

Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru. 2) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1948 il-Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". G.N. 24 ta' l-1948

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-ewwel ta' Jannar, 1984.

Jissostitwixxi r-regolament 99 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 99 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"99. (1) Mhux permess għal iżjed minn persuna waħda minbarra s-sewwieq li tinġarr fuq xi *motor-cycle*, lanqas ma hu permess li din il-persuna tinġarr xort'oħra ħlief billi toqgħod bil-qiegħda b'sieq f'kull ġenb tal-*motor-cycle* u fuq sedil tajjeb imwaħħal sewwa mal-*motor-cycle* wara s-sedil tas-sewwieq.

(2) Ebda persuna ma tista' ssuq jew tinġarr fuq xi *motor-cycle* kemm-il darba din ma tkunx dak il-ħin liebsa *crash helmet*.

(3) Għall-finijiet tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament l-espressjoni *"motor-cycle"* tfisser kull vettura bil-mutur b'żewġ roti.".